TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decezzjoni Nru. 124

KAZ NRU. 159

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
It-Taqsima Metall (Drydocks)
tal-General Workers' Union
ghan-nom ta' Jospeh Mangion
u
l-Management tad-Drydocks Corporation
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data: 16 ta' Gunju, 1982

Chairman: Mr T. Portughese B.A.(Hons), M.A.

Dan il-kaz intbaghat quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tax-Xoghol, nhar il-15 ta' Settembru, 1981, taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28(2) ta' l-Att Nru XXX tal-1976. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. L-appellant kien irrapprezentat mis-sinjuri Anthony Busuttil u Angelo Fenech, Segretarju u President rispettivament, tat-Taqsima tal-Metall (Drydocks) tal-General Workers' Union. Ghal Malta Drydocks dehru s-Sur Carmelo Debono, Personnel Manager, u l-Maggur S. Clews, Administrative Manager.

3. Seduti u xhieda

Inzammu erba' seduti li fihom instemghu dawn ix-xhieda:
L-appellant, is-Sur Jospeh Mangion
It-tabib tad-Drydocks, Dr. Das
Ic-Chairman tal-Kunsill tad-Drydocks, is-Sur Frans Spiteri
Mart l-appellant, is-Sinjura Filippa Mangion

.../2

4. Preambolu

Fl-ewwel seduta, il-Malta Drydocks Corporation ressqet eccezzjoni fis-sens li s-Sur Mangion kien rega' ddahhal ghax-xoghol wara li kienet inghatat mahfra, u ghaldaqstant it-Tribunal mhux kompetenti biex ikompli jisma' dan il-kaz ghax ma kienx hemm cirkustanzi ta' unfair dismissal.

It-Tribunal sema' l-fehmiet taz-zewg nahat fuq dan il-punt importanti. It-Tribunal ikkonkluda li fil-mument originali ta' l-ewwel azzjoni kien hemm tkeccija pura u semplici. Il-mahfra li nghatat kienet tikkostitwixxi impieg mill-gdid, fl-isfond tal-kriterji precizi stabbiliti u rikjesti mill-artikolu 25 sub-sezzjoni 2, u sub-sezzjoni A tal-Conditions of Employment Regulation Act, 1952, dwar tkeccija ghal kawsa gusta u sufficjenti.

5. Statement of Case

Il-General Workers' Union sostniet li Jospeh Mangion kien tkecca nhar id-29 ta' Lulju 1981 ghaliex gie allegat li ma kienx id-dar meta mar jarah it-tabib tat-Tarzna fit-23 ta' Lulju, 1981, u dik kienet it-tieni darba li kien ikkommetta dik l-offiza li ghaliha kien twissa b'ittra fit-30 ta' Gunju 1980. Joseph Mangion isostni li fil-hin li mar ihabbatlu t-tabib tat-Tarzna, kien rieqed u ma sema' l-ebda tahbita fuq il-bieb. L-ghada hu dahal ghax-xoghol.

Wara li rcieva l-ittra tat-tkeccija, il-Union kitbet lit-Tarzna u pprotestat kontra din id-decizjoni ghax-sostniet li ma kienu saru ebda proceduri normali qabel jitkecca haddiem.

It-Taqsima sostniet li Mangion ma kellux jitkecca mix-xoghol meta hu anqas nghata l-jedd li jiddefendi ruhu; li l-impieg tieghu ma giex itterminat ghal raguni gusta; li ma nharigx charge skond il-Procedura tad-Dixxiplina; li f'kazi ohra ta' sick leave Mangion kien instab dejjem id-dar.

Gie sottomess ukoll li d-decizjoni tat-Tarzna li tkecci impjegat f'cirkustanzi bhal dawn, skond Avviz mahrug apposta, hi wahda zbaljata peress li ma kienx kaz ta' haddiem li abbuza ripetutament mis-sick leave.

Il-G.W.U. talbet li Mangion jerga' jinghata lura x-xoghol mid-data li tkecca minghajr ma jitlef xejn mill-kundizzjonijiet tax-xoghol li kellu qabel.

Il-Management tal-Malta Drydocks min-naha tieghu ssottometta li t-Tribunal ghandu jeskludi ghal kollox il-talba tas-Sur Mangion minhabba li:

a) it-terms of remit ma jregux

b) Li anke jekk dan u ammess, Mangion kien gie ttrattat skond policy applikabbli ghall-impjegati kollha dwar abbuz ta' sick leave;

c) aspetti ohrajn marbutin direttament mal-kaz.

Il-Management zied ighid li Mangion tkecca ghax ir-rapprezentant tat-Tarzna ma sabux id-dar meta mar izuru nhar 1-24 ta' Gunju 1980, meta suppost kien marid u mwissi li repetizzjoni tkun tfisser sensja, skond Avviz Generali tad-9 ta' Jannar 1980. B'ittra datata 29 ta' Lulju 1981, Mangion gie mgharraf li ma kienx id-dar meta mar izuru t-tabib tat-Tarzna nhar it-23 ta' Lulju, 1981, u gie ssensjat skond il-procedura stabbilita.

Fl-ewwel ta' Settembru, il-Union talbet lill-Ministru tax-Xoghol biex il-kaz imur ghall-konciljament, u fit-8 ta' Dicembru dejjem tal-1981, il-Malta Drydocks infurmat lill-Union li l-Kunsill kien laqa' t-talba taghha biex tinghata mahfra li dawk tkeccew minhabba abbuz ta' sick leave. B'hekk Mangion rega' ddahhal ghax-xoghol fl-1 ta' Frar 1982.

Il-Malta Drydocks stqarret li t-talba ta' Mangion m'ghandiex titqies li taqa' taht it-termini ta' tamm ta' impieg ingust.

6. <u>Dokumenti</u>

Gew imressqa dawn id-dokumenti:

Ittra tal-Personnel Manager tal-Malta Drydocks lis-Sur Mangion bid-data 29 ta' Lulju 1981.

Twegiba tal-G.W.U. (31 ta' Lulju 1981)

Ittra bi twegiba mill-Management (3 ta' Awissu 1981)

Ittra dettaljata mill-G.W.U. lill-Personnel Manager dwar il-Policy fuq is-sick leave kif laqtet lil Mangion (8 ta' Awissu 1981)

Twegiba mill-Malta Drydocks dwar l-istess procedura (12 ta' Awissu 1981)

Ittra fuq l-istess kaz lic-Chairman tal-Kunsill minghand is-segretarju tat-Taqsima Metall (Drydocks), (17 ta' Awissu 1981)

Twegiba minghand ic-Chairman tal-Kunsill (28 ta' Awissu 1981)

Ittra ta' twissija tat-30 ta' Gunju 1980 mibghuta mill-Malta Drydocks lil Mangion.

Kopja ta' l-Avviz Generali dwar Assenza minhabba Mard.

Ittra minghand il-Union (6 ta' Frar 1980) dwar atteggjament tal-Kumitat Ezekuttiv fuq Sick Leave.

Ittra lill-Ministru Tax-Xoghol minghand il-G.W.U. biex il-kaz jitressaq ghall-konciljazzjoni.

Ittra li tgharraf lill-Union minghand ic-Chairman li ser tin-ghata mahfra (8 ta' Dicembru 1981)

Ittra lil Mangion mill-Personnel Manager biex tgharrfu li ser jerga' jinghata l-impieg.

Ittra tat-Taqsima lic-Chairman dwar il-mizuri proposti fuq Sick Leave.

Twegiba tac-Chairman (29 ta' Dicembru 1981)

Ittra ohra mit-Taqsima lic-Chairman tal-Kunsill fuq l-istess mizuri (4 ta' Jannar 1982)

Kopja tar-Regolamenti ta' Dixxiplina.

Records dwar sick-leave ta' Mangion.

Dikjarazzjoni mit-tabib Specjalista Dr Abraham Galea (15 ta' Mejju 1982).

7. <u>Xhieda fil-qosor</u>

a) Dr Das, Tabib tat-Tarzna, xehed bl-Ingliz li safejn jiftakar kien mar ghand Mangion nhar it-23 ta' Lulju 1981 ghall-habta tat-tlieta jew it-tlieta u kwart. Sab il-bieb maghluq u habbat diversi drabi, forsi aktar minn ghaxar darbiet; dam jistenna aktar minn hames minuti izda bl-ebda twegiba. Tkellem ma' ragel li kien jahdem barra, u qatghuha li ma kien hemm hadd fid-dar ta' Mangion. Huwa xehed li

.../5

ma jiftakarx halliex biljett mal-bieb biex igharraf lill-impjegat li kien mar u ma sabux. It-tabib sostna li hu habbat b'mod normali u anki b'sahhtu mal-bieb.

b) Ic-Chairman tal-Kunsill tat-Tarzna, is-Sur Francis Spiteri, xeh d li l-kaz ta' Mangion kien wiehed milqut mid-decizjoni tal-Kunsill li min ma jkunx id-dar jew it-tabib jirraporta li ma jkunx id-dar ghat-tieni darba, jitkecca mix-xoghol. Mangion kien appellalu biex ma jitkecchiex, u fil-fehma tas-Sur Spiteri din kienet ammissjoni ta' certu nuqqasijiet.
Huwa stqarr li wara dan il-kaz, il-Kunsill iddecieda li f'kazi simili l-ewwel jinghata twissija, imbghad jerga' jinghata twissija ohra, u mat-tielet darba, jitkecca. Ic-Chairman eskluda li meta dahlet il-procedura originali, kellhom f'mohhom li kull individwu jghaddi mill-procedura normali tad-dixxiplina bis-solitu charge. Mal-Union hu ammetta li t-Tarzna hadet triq dritta, izda l-union kellha dejjem id-dritt li tiddefendi l-haddiem quddiem it-Tribunal.

Fil-kontro ezami, is-Sur Spiteri qal li safejn jaf hu l-kaz ta' l-abbuz tas-sick leave kien l-ewwel wiehed, li wiehed jitkecca direttament. Dwar Mangion, is-Sur Spiteri xehed li fil-fehma tieghu l-abbuz twettaq. Ic-Chairman qal li sab ma' wiccu oppozizzjoni qawwija min-naha tal-Union ghax il-union qatt ma accettat din il-procedura li jitkecca mat-tieni offiza dwar sick-leave. It-Tarzna kienet qed tillimita lill-Union, imma finalment kien jibqaghlha d-dritt li tmur quddiem it-Tribunal.

c) Is-Sur Joseph Mangion, l-appellant, xehed li t-tabib ma hallhiex karta mal-bieb li kien mar ihabbatlu. Hadd mill-girien ma qallu li kien mar it-tabib. L-appellant qal ukoll li dak in-nhar li sar l-allegat kaz, hu kien id-dar, li ghamel affidavit dwar dan, li kellu mieghu lit-tifel iz-zghir ta' tliet snin. Is-Sur Mangion qal li dak in-nhar ma giex it-tabib privat; hassu li mhux tajjeb biex imur ghax-xoghol. It-tifel kien rieqed ukoll. Lit-tabib ma semghu hadd. L-appellant xehed li kellu dahru jugghu izda deni ma kellux.

d) Is-Sinjura Filippa Mangion, mart l-appellant, xehdet li hi dak in-nhar harget xi saghtejn u kwart minhabba li wegghet it-tifla, u regghet lura d-dar xis-sitta u nofs u lir-ragel hallietu rieqed u regghet sabitu rieqed.

8. Sottomissjonijiet Finali

Iz-zewg nahat ikkonfermaw it-tezijiet sottomessi fl-istadju preliminari tal-kaz.

Il-Union ipprezentat zewg dokumenti godda: ittra tal-Kumitat Ezekuttiv lill-Personnel Manager bil-fehmiet taghha dwar kif ghandha tkun il-procedura fuq abbuz ta' sick leave; u dikjarazzjoni tat-tabib specjalista Dr Abraham Galea, dwar irqad fil-fond.

Sostanzjalment, pero' iz-zewg nahat, ma ziedu xejn gdid hlief li elaboraw aktar it-tezijiet kontrastanti taghhom kemm fuq il-kaz specifiku ta' Mangion, kif ukoll fuq il-procedura nnifisha dwar abbuz mis-sick leave.

F'dawn ic-cirkustanzi, it-Tribunal jista' jghaddi ghall-kunsiderazzjonijiet tieghu u ghall-analizi tal-konkluzjonijiet li tressqu mill-partijiet fis-Sottomissjonijiet Finali.

9. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal

F'kaz delikat u kontroversjali bhal dan, il-kriterju fundamentali li t-Tribunal irid jaddotta, ikun wiehed ta' analizi approfondita, objettiva u akuta tax-xhieda u tad-dokumenti esibiti. Kriterju bhal dan iwassal ghal valutazzjoni preciza u puntwali tal-fehmiet sottoposti, tant 'l-boghod minn xulxien u tant konfliggenti.

Izda f'din l-atmosfera ta' tezijiet opposti, ikun hemm aspetti specifiki u partikulari li jikkonvalidaw parti mill-fehmiet ta' naha, u parti mill-fehmiet tan-naha l-ohra.

It-Tribunal jiddikkjara li c-cirkustanzi kollha tal-kaz ta' Mangion ihallu hafna dubji. Ix-xhieda ta' Dr Das, ghalkemm illuminati dwar xi aspetti tal-kaz, ma tistax titqies kompleta, izda ghandha l-importanza taghha, minhabba l-fatt li s-Sinjura Filippa Mangion, ma setghetx tistabbilixxi fix-xhieda taghha, ic-certezza li

.../7

fil-hin li damet barra mid-dar, zewgha zgur baqa' d-dar u ma harigx. Ghalhekk, ghandna fuq naha lit-tabib tat-Tarzna li habbat u baqa' bla twegiba; u ghandna lis-Sur Mangion isostni li kien rieqed fil-fond.

Id-dubji ikkagunati minn dan il-konflitt ta' fehmiet iwasslu lit-Tribunal biex jissuspetta li Mangion ma rnexxilux jipprova bi strumenti barra x-xhieda persunali tieghu, li kien tassew rieqed fil-fond u b'hekk ma semghax id-diversi tahbit tat-tabib mal-bieb.

It-tabib naqas pero' li ma gharrafx, mod jew iehor, li kien mar biex jinvista lil Mangion, u li ma kellux twegiba.

Il-fatt li Mangion kien diga' wettaq offiza simili bilfors li wassal lit-Tarzna halli tqis dan l-allegat tieni kaz, b'atteggjament li fil-verita' wassal ghat-tkeccija tieghu.

It-Tribunal jaqbel perfettament mal-preokkpazzjonijiet gravi espressi mic-Chairman tal-Kunsill tat-Tarzna, dwar abbuz kostanti mis-sick-leave. It-Tribunal iheggeg lill-Union biex tifhem x'inhuma tassew l-interessi tal-haddiema onesti li juzaw is-sick-leave meta tassew jehtiguh.

Il-kwadru kollu tas-sitwazzjoni jikkonferma kaz ta' dubji dwar il-funzjoni amministrattiva mwettqa mit-tabib, kif ukoll jitfa' dell nebuluz fuq il-genwinita' ta' l-appellant. Ghalhekk, prima facie jidher li Mangion seta' jigi suspettat b'nuqqasijiet.

Il-kaz kixef ukoll kontroversja dwar il-procedura adottata mit-Tarzna u li ma ntlaqghetx mill-General Workers' Union. Il-kontroversja dwar tkeccija wara zewg offizi kif ukoll it-terminu ta' zmien li fih tkun giet realizzata l-ewwel offiza, huma regolati minn dikjarazzjoni u interpretazzjoni awtorevoli li dan it-Tribunal kien ta fil-kaz nru 99, jigifieri li jrid ikun hemm ghadd sostanzjali ta' twissijiet verbali u miktuba qabel impjegat jinghata l-kastig estrem tat-tkeccija. Ikun opportun li dan it-Tribunal jerga' jikkonferma b'awtorita' din l-interpretazzjoni u jfakkar li:

a) huma mehtieġa aktar minn twissija waħda qabel issir tkeċċija;

b) f'kaz ta' offizi gravi għandhom jingħataw twissijiet bil-miktub;

c) mingħajr twissijiet xierqa u ċari, ebda tkeċċija ma tkun valida biex tissostnazja l-kriterji u l-esiġenzi stabbiliti mill-artikolu 25(10) ta' l-Att Nru. XI ta' 1952.

d) kaz ta' tkeċċija istantanja, mingħajr ebda twissija, irid ikollu ċirkostanzi straordinarji u ta' gravita' immensa, tali li jissodisfaw lil dan it-Tribunal.

F'kazi ta' ftehim industrijali, ikun xieraq li l-proċeduri miftehma jibagħu jiġu osservati bi skruplu miz-zewġ naħat involuti fil-ftehim. Għalhekk, it-Tribunal iħoss li kien ikun aħjar kieku kien hemm forma ta' "consensus" biex l-abbuz tas-sick leave, jiġi mrazzan. Dan iwassal għall-konkluzjoni preciza ta' l-esiġenza fundamentali li l-impjegat jingħata d-dritt ta' difiza bl-eċċezzjoni ta' kazi gravi hafna li jkunu jiġġustifikaw tkeċċija immedjata, izda li dawn għandhom ikunu tassew l-eċċezzjoni u mhux ir-regola.

F'kazi ta' tkeċċija f'azjendi fejn hemm ftehim industrijali u hemm in vigore proċedura ta' dixxiplina, it-Tribunal isostni li kull kaz għandu jiġi regolat l-ewwel nett, minn din il-proċedura, bi ftehim bejn Management u Union. B'hekk zgur li jiġu evitati b'antiċipazzjoni kazijiet bħal dawn ta' Mangion, li għandhom jaslu quddiem it-Tribunal wara li tkun ġiet ezawrita l-proċedura interna ta' l-azjenda.

Id-dubji neboluzi fuq il-kaz specifiku ta' Mangion u l-ġenwinita' tad-difiza tiegħu, jaggravaw il-posizzjoni partikulari tiegħu f'dan il-kaz. Fi sfond globali taċ-ċirkustanzi kollha, it-Tribunal jasal għall-konkluzjoni li Mangion kien jimmerita l-kastig izda mhux tkeċċija.

10. Award

It-Tribunal jirrizultalu li fic-cirkostanzi tal-kaz, Mangion ma kkonvinchiex ghal kollox fl-argomentazzjonijiet tieghu, izda kollox ma' kollox, ma kienx jimmeritah tkeccija mill-impieg, illi hu l-akbar kastig li jista' jinghata. It-Tribunal qies l-aspetti kollha anki tal-mahfra, u japprezza s-sens ta' rieda tajba murija mill-Kunsill tat-Tarzna. Is-Sur Mangion ghandu jitqies li baqa' fl-impieg minghajr ma jitlef xejn mill-kundizzjonijiet li kien igawdi qabel it-23 ta' Lulju, 1981. Il-perijodu sakemm fil-fatt kien rega' ddahhal ghax-xoghol ghandu jitqies bhala sospensjoni. Ic-cirkustanzi specjali tal-kaz iwasslu lit-Tribunal biex jordna lit-Tarzna taghti kumpens zghir lill-appellant, ta £200 (mitejn) lira, plus is-somma kollha li kienet dovuta lilu bhala bonus ghall-imsemmi perijodu fil-kaz li dan ma thallasx, mhux akter tard mill-1 ta' Lulju, 1982. Iz-zewg nahat iridu jhallsu l-ammonti ekivalenti taghhom ghall-kontribuzzjoni tas-Sigurita' Nazzjonali ghal matul iz-zmien li l-appellant ghamel barra mix-xoghol.

B'hekk, it-Tribunal jaqta' u jtemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

T. PORTUGHESE
CHAIRMAN

Edw. F. Abela
A/Segretarju

16 ta' Gunju, 1982

ja